MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru 167/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**Christian Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Christian Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 24486G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

   Nhar is-7 ta' Ġunju 2012, għall-habta ta' 4.20 ta' wara nofsinhar u fil-granent ta' qabel, waqt li kien jinsab fi Triq is-Sarg, Kercem, Għawdex u/jew fil-vicinanzi:

   1. għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura

jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé numru ta' reġistrazzjoni falz ta' mutur u numru jaqra ABJ 108;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi sabiex jikseb xi benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz billi għamel użu min-numru tar-reġistrazzjoni ta' mutur jaqra' ABJ 108;

3. għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Regolament 44(5) L.N. 198/2009);

4. fl-istess data, ħin u ċirkustanzi ġewwa l-Gżejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ABJ 108, tal-għamla Honda CR 125R, mingħajr ma kien kopert b'liċenzja ta' sewqan kurrenti maħruġa mid-direttur tal-awtorita kompetenti;

5. fl-istess data, ħin u ċirkustanzi ġewwa l-Gżejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ 108, tal-għamla Honda CR 125R, mingħajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni, f'każ ta' ħtija, talbet li l-imputat jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu l-ebda liċenzja ta' sewqan għall-perjodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 44(5) tal-Avviż Legali 198/2009, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Christian Spiteri ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u:

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata; u

- fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, ikkundannat lill-imputat għall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€ 2700.00) u ordnat li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal-zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta tal-għada.

**3.** Rat ir-rikors tal-appellant minnhu ppreżentat fil-14 ta' April, 2014, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fejn illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar, filwaqt li tvarja l-istess sentenza fir-rigward tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet, fis-sens illi tinfliġġi piena iżgħar u aktar xierqa lill-appellant b'mod li tkun tirrifletti b'mod aktar ġust il-gravita' tal-akkużi odjerni kif ukoll il-koperazzjoni, l-ammisjoni tiegħu u l-karattru tiegħu.

**4.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda, d-dokumenti prodotti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fis-7 ta' Ġunju 2012 waqt li kienu fuq ronda f'Ta' Kerċem, Għawdex, il-puliżija osservat mutur tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni ABJ 108 li kellu l-pjanċa tan-numru ta' reġistrazzjoni falza. Fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom il-pulizija kienu kellmu lill-imputat u dan kien ammetta li l-pjanċa kienet waħda falza u li l-mutur kien xtrah minn għand ħaddieħor. Infurmhom ukoll li n-numru kien falz għaliex kien magħmul fuq numru ta' mutur ieħor li kien proprjeta' ta' zijuh.

**6.** L-appellant ħassu aggravat unikament mill-piena imposta mill-ewwel Qorti għall-ħtija tiegħu tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni peress li hu tal-fehma li l-piena hi waħda ferm eċċessiva peress li l-ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena u minħabba f'hekk ser isofri nuqqas ta' xogħol minħabba li huwa neċessarju li jkollu liċenzja tas-

sewqan biex jaħdem u dan meta kien ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tiegħu bil-wisq qabel ma huwa kien tressaq quddiem il-Qorti u kkopera ampjament mal-Pulizija Ezekuttiva.

**Ikkunsidrat,**

**7.** L-aggravju tal-appellant jikkonċerna l-piena ta' €2700 imposta għall-ħtija tal-appellant tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni oltre li gie skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar. Ir-raba' imputazzjoni hi dik ta' sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma kien kopert b'liċenzja ta' sewqan kurrenti maħruġa mid-direttur tal-awtorta' kompetenti . Il-ħames imputazzjoni hi dik ta' sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

**8.** Ghal darb'ohra jigi ribadit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**9.** Di fatti l-ammissjoni da parti tal-appellant quddiem l-ewwel Qorti b'ebda mod ma tikkwalifika bħala xi waħda bikrija tant li l-appellant għamel l-ammissjoni ġudizzjarja tiegħu biss wara li f'diversi seduti l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u wara li sahansitra fl-istadju tad-difiża l-appellant kien talab aktar differimenti. In kwantu għall-ammont tal-multa imposta mill-ewwel Qorti din hi waħda ferm viċin il-minimu. Barra minn hekk, tenut kont tal-fatt li ma jirriżultaw ebda raġunijiet speċjali li setgħu jinduċu lill-ewwel Qorti tordna mod ieħor, l-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan għal żmien sena hi wkoll għaż-żmien minimu previst mil-liġi. F'dan il-kaz, għalhekk, ma jezistux ragunijiet serji li jiġġustifikaw lil din il-Qorti timmitiga l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell ta' Christian Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li ż-żmien ta' sena tal-iskwalifika mill-liċenzji kollha tas-

sewqan impost mill-ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------